**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-seduta 191 tas-27 ta' Ottubru 2014 dwar punt imqajjem mill-Onorevoli Carmelo Abela dwar rapport li deher fil-MaltaToday u fil-maltarightnow.com**

Fis-seduta numru 190 tat-22 ta' Ottubru 2014 l-Onor. Carmelo Abela ġibed l-attenzjoni tas-Sedja għall-artiklu li deher fuq is-sit elettroniku maltarightnow.com dakinhar, 22 ta' Ottubru 2014, intitolat "It-tielet paga ta' Carmelo Abela, €30,000 oħra fis-sena" u għall-artiklu li deher fuq il-verżjoni *online* tal-MaltaToday intitolat "*Labour MP earns €30,000 over and above Whip's salary as 'government spokesperson'*". L-Onor Abela talab lis-Sedja tara jekk ir-rapporti humiex skorretti u biex jekk jirriżultalha li dan huwa minnu, tieħu l-passi li tħoss li huma opportuni. L-Onor. Abela għadda kopja taż-żewġ artikli lis-Sedja.

Is-Sedja, wara li rat iż-żewg rapporti tinnota li fil-każ tal-artiklu li deher fil-MaltaToday ma jidhirx li hemm rapport skorrett. Dan għaliex Membru Parlamentari li jkun qed jokkupa l-kariga ta' Whip, kemm jekk fil-Gvern kif ukoll fl-Oppożizzjoni, jirċievi *allowance* ta' 25% tas-salarju fi skala 1 fis-servizz pubbliku, flimkien ma' onorarja ta' Membru Parlamentari ta' 50% ta' skala 1, li flimkien jammontaw għal 75% ta' skala 1. Allura meta l-MaltaToday irrapportat li:

> "*As a Labour Whip Abela earns 75% of salary scale 1*",

kienet korretta.

Ghal dak li jirrigwarda l-Maltarightnow, fejn ġie rrapportat hekk:

> "Barra minn din il-paga, Abela jaqla' wkoll il-paga tiegħu bħala whip tal-gvern kif ukoll l-onorarja bħala membru parlamentari",

is-Sedja tifhem li l-kliem użat jista' jinftiehem bħala skorrett. M'hemm l-ebda żewġ pagi jew onorarji iżda onorarja waħda ta' 50% ta' skala 1 bħala Membru Parlamentari miżjuda b'*allowance* għall-kariga ta' Whip ta' 25% ta' skala 1.

Is-Sedja tinnota li r-rapport li deher fuq is-siti elettroniċi li għalihom għamel referenza l-Onor. Carmelo Abela, ma kenux rapporti dwar dak li seħħ fil-Kamra tad-Deputati. Is-Sedja tixtieq tissolleva dan fid-dawl tal-poteri li tagħtiha l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113, partikolarment is-subinċiżi (j) u (k) tal-paragrafu (4) tal-artikolu 11 minn fejn joħroġ li għandu jitqies bħala reat:

> "(j) il-pubblikazzjoni ta' kull libell li jagħti malafama lill-i*Speaker* jew lil xi membru li tolqot xi ħaġa magħmula minnu jew li ntqalet minnu bħala *Speaker* jew bħala Membru <u>fil-Kamra jew f'kumitat tagħha</u>;

(k) il-pubblikazzjoni volontarja jew bi traskuraġni ta' xi rapport falz jew mgħawweġ ta' xi dibattitu jew proċedimenti tal-Kamra jew ta' xi Kumitat tagħha."

Madankollu s-Sedja xorta tixtieq tissolleċita għas-serjetà u l-korrettezza tal-fatti f'dak li jiġi rrapportat fil-konfront tal-Membri Parlamentari ta' din il-Kamra, u kien f'dan is-sens li kitbet lill-editur tas-sit ikkonċernat fejn talbitu biex jagħmel il-kjarifika neċessarja.